MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 890/2006

**David Ellis bhala Bursar fl-isem**
**u fl-interess tal-Kullegg St. Edwards's**

**Vs**

**Philip u Jennifer Lonfat**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tal-attur nomine li bih iddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Kullegg imsemmi fis-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm321), u llum seba' mija u sebgha u erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€747.73) rapprezentanti mizati ta' 'term' li gew rezi dovuti a tenur tal-Artikolu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St. Edward's stante li l-konvenuti naqsu milli jaghtu preaviz mehtieg skond l-istess Artikolu li t-tifel taghhom ma kienx ser jattendi l-iskola izjed u dan skond kont li jgib id-data tat-2 ta' Settembru, 2004. L-attur nomine ippremetta ukoll illi l-konvenuti Philip u Jennifer Lonfat

ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti u ghalhekk saret dina l-kawza.

Bl-ispejjes kollha, inkluz il-Vat fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dik ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-24 ta' Awissu, 2005, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi huma m'humiex debituri tal-attur nomine fis-somma pretiza stante l-fatt illi fic-cirkostanzi xejn sbieh li kienu jinsabu fihom bhala genituri tal-minuri Jerome, huma ma setghux qatt jaghtu preavviz mehtieg skond l-Artikolu 7.1. tar-regolament tal-Kullegg St. Edward's.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u abbazi tal-Artikolu 7 (1) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenuti talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tal-attur nomine, bl-ispejjes kontra tieghu.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' David Ellis, li huwa l-Bursar tal-Kullegg St. Edward's u bhala xoghol jiehu hsieb li jintbaghtu l-kontijiet lill-genituri u li dawn il-mizati jithallsu fil-hin.

Huwa jghid illi fil-kaz tat-tifel Jerome tal-konvenuti, dawn kienu naqsu li jhallsu l-mizata fis-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320), u llum seba' mija u hamsa u erbghin Euro u erbghin centezmu (€745.40) ghall-perjodu bejn Settembru u Dicembru, 2004.

Ix-xhud jispjega li f'dan il-perjodu Jerome Lonfat ma kienx qed jattendi l-Kullegg u minkejja dan qed jitolbu l-hlas ghaliex skond klawsola 7.1 tar-Regolamenti tal-Kullegg, li tikkontempla li qabel tifel jitnehha mill-iskola jehtieg li jkun hemm avvizz lill-Kullegg ta' l-anqas xahrejn qabel u fin-nuqqas ghalhekk, il-mizata tat-'term' ikun dovut.

Fil-kaz tal-konvenuti kienu naqsu li jaghmlu dan u kienu baghtu ittra biss f'Ottubru, 2004 fejn infurmaw lill-Kullegg li t-tifel kien qed jattendi skola tal-Gvern.

Jikkonferma li l-konvenuti kienu jafu b’dan il-ftehim u regolamenti ghaliex kienu ffirmawhom fl-1 ta’ April, 2002 meta kienu registraw l-attendenza ta’ binhom fil-Kullegg.

Jispjega li l-intenzjoni wara din il-klawsola kienet sabiex jekk tifel jitnehha mill-Kullegg jista’ jinghata opportunita’ ohra lill-tifel iehor.

Ighid li l-Kullegg kien gie infurmat li Jerome Lonfat kien qed jattendi skola tal-Gvern u kien fl-1 ta’ April, 2005 li kienu baghtu ittra lill-konvenuti ghall-hlas. F’Gunju, 2005 l-avukat tal-Kullegg kienet ukol baghtet ittra sabiex il-konvenuti jhallsu l-mizati, mertu tal-kawza.

Kien biss fil-15 ta’Gunju, 2005 li l-konvenuti kienu rrispondew u kienu taw spejgazzjoni taghhom ghalfejn it-tifel ma baqghax jattendi l-Kullegg. L-ispjegazzjoni ma kienitx accettabbli ghalihom u kienu talbu l-pagament minghand il-konvenuti.

Ix-xhud jispjega ukoll illi regghu baghtu ittra ufficjali f’Awissu, 2005 u l-konvenuti kienu gew notifikati f’Settembru, 2005. Jikkonferma li sakemm skadew is-sentejn ma kienu semghu xejn minghand il-konvenuti u kien biss, wara li t-tifel minuri kien tnehha mill-Kullegg li kienu l-ewwel tkellmu ma’ xi ghalliem tat-tifel u wara xi zmien kienu marru jkellmuh. Hu kien qalilhom li setghu kellhom raguni valida biex nehhew it-tifel mill-Kullegg, izda kien dejjem jibqa’ l-fatt li la skadew ix-xahrejn, il-mizata kellha tithallas.

Jikkonferma wkoll li fil-kapacita’ tieghu bhala Bursar jigi infurmat jekk ikun hemm xi problemi koncernanti xi student, izda jghid li f’dan il-kaz ma kellu l-ebda rekords ta’ xi incident jew xi problemi, lanqas mis-surmast li generalment jinfurmah jekk ikun hemm. L-ewwel darba li sema’ fuq xi incident li kien hemm bejn l-ghalliema u t-tifel minuri, kien biss meta l-konvenuti baghtu ittra lill-Kullegg.

Ighid ukoll li kienu jkunu disposti jikkunsidraw il-hlas tal-mizata ma jsirx jekk ikun hemm raguni gustifikabbli

ghalfejn tnehha t-tifel mill-Kullegg. Raguni gustifikabbli tista' tkun minhabba 'bullying' tal-ghalliem.

Ighid li jista' jaghti l-kaz li l-minuri jkun attenda l-iskola ghall-parti mit-'term', izda ma taghmilx differenza ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-mizata.

Jispjega li l-konvenuti kienu marru jkellmuh  biss wara li kienu ntbaghtu l-ittri legali.

Ix-xhud Ellis ikompli jispjega li jekk tifel ma jattendix l-iskola u l-genituri ma jonorawx ir-regolamenti allura bilfors li l-Kullegg ikollu jiehu passi.
Wara li sehh l-incident, ighid li kien ivverifika mal-'Head' tal-'Junior School' sabiex jara jekk kienx hemm problemi mat-tifel Jerome Lonfat u kien irrisponda li ma kienx jaf bir-raguni li t-tifel minuri ma kienx qed jattendi l-iskola u l-ghala ma kienx hallas il-mizata.

Jikkonferma li t-tifel minuri kien attenda l-Kullegg ghal sentejn qabel.

Ra x-xhieda ta' Anne Tabone, li hija l-'Head' tal-'Junior School' fil-Kullegg u li kienet diga' 'Head' fl-2004. Tghid li Jerome Lonfat kien beda jattendi l-iskola bejn Settembru u Dicembru, 2005 u ma tiftakarx li qatt kien hemm xi problema mat-tifel, li kien wiehed diligenti.

Tiftakar li kien hemm incident mal-konvenuta. Saret taf li t-tifel ma kienx ser jibqa' jattendi l-iskola meta kienet iltaqghet mal-missier u kien qalilha li peress li Jerome ma tantx kien jitkellem bil-Malti, kien jippreferi li jattendi skola fejn kienu jitkellmu aktar Malti.

Tikkonferma li kienet taf li kienet saret laqgha mal-Bursar u kienu kollha sorprizi li l-minuri kien ser jitlaq mill-Iskola.

Tghid ukoll li meta minuri jitnehha mill-iskola, hi generalment tinforma lill-Bursar sabiex tivverifika li tkun giet segwita n-'notice period' u sabiex fl-istess hin jigu salvagwardati l-mizati dovuti.

Ra x-xhieda ta’ Philip Lonfat li jispjega li t-tifel taghhom Jerome kien fit-tielet sena tieghu fil-Kullegg u kien ghall-habta ta’ Settembru, 2004 meta t-tifel taghhom kien beda jmur lura d-dar ihossu ma jiflahx u ma kienx is-soltu. Kien qalilhom li kien qed isibha difficli biex ihossu parti mill-klassi u lanqas it-‘teacher’ ma kienet qed tghinu. Kien fil-fatt meta dan il-komportament baqa’ ghaddej ghal gimghatejn shah u Jerome kien qalilhom li t-‘teacher’ kienet imbuttatu u kien waqa’ fuq daru.

Kien ghalhekk li ffissaw laqgha mat-‘teacher’ li allegatament kienet tat daqqtejn fuq ras il-minuri xi tlett darbiet fil-presenza taghhom u dan waqt li kienu fil-laqgha u bghatitu fil-klassi.

It-tifel kien attenda l-iskola it-Tnejn u t-Tlieta tal-gimgha ta’ wara u sadanittant huma kienu bdew jaraw kif setghu jirrimedjaw il-posizzjoni ta’ binhom. Peress li qabel ma attenda l-Kullegg kien jattendi Skola tal-Gvern, wara li tkellmu mal-Education Department kien irnexxielhom idahhluh fl-iskola tal-Gvern f’Marsaskala.

Kien l-Erbgha tal-istess gimgha meta kien mar ikellem lil ‘Head’ tal-‘Junior School’ Ms. Anne Tabone li kienet skuzat ruhha ghal dak li kien gara u kienet anke offriet li l-minuri jitpogga go klassi ohra, pero’ rrifjuta peress li t-tifel minuri ma xtaqx jattendi aktar il-Kullegg ta’ St. Edwards.

Jichad li kien qal lil Tabone li kien ser johrog lit-tifel peress li riedu jitghallem il-Malti.

Rega’ sema’ mill-iskola, tramite l-konsulent legali taghhom u dan biss madwar seba’ xhur wara u dan kien ghal habta ta’ Gunju, 2008, meta kienu talbuh il-mizata tal-ewwel ‘term’ u dan ghaliex kien attenda ghal parti minnha.

Hu kien irrisponda lill-avukati u kien qal li kien qed jikkontesta l-hlas ghaliex kien hemm incidenti li kkoncernaw lill-minuri meta kien qed jigi msawwat mill-ghalliema tieghu. Jinnega li l-Bursar ma kienx jaf bl-incident ghaliex kien ircieva ittra legali f’Gunju, 2005 u sa

Awissu, 2005 gie notifikat bil-kawza u ghalhekk bilfors li l-attur kien jaf.

Wara li rcieva l-kawza kien mar ikellem lill-Surmast tal-Iskola li kien qallu li ma kien jaf xejn bl-incident u kellu jressaq il-kaz tieghu quddiem il-Bord tal-Gvernaturi u hekk kien ghamel, minkejja li kien ghadu minghajr ‘acknowledgement’ sa llum.

In kontro-ezami, ix-xhud jispjega li t-tifel tieghu Jerome kien attenda l-Kullegg ghal ewwel gimghatejn u kien ghal habta tal-20 ta’ Ottubru, 2004 li hu kien beda jaghmel l-arrangjamenti sabiex it-tifel ikun jista’ jattendi skola ohra u fil-fatt gie ammess fl-iskola tal-Gvern ta’ Marsaskala u kien l-istess Dipartiment tal-Gvern li nfurma l-Kullegg li Jerome kien ser jibda jattendi skola tal-Gvern.

Ighid li tul dan il-perjodu, l-uniku kuntatt li kellu mal-iskola kien ma’ Ms. Anne Tabone li kienet gabret il-kotba kollha ta’ Jerome u kienet hi li hadet l-inkarigu li tiehu hsieb l-affarijiet. Kien imbaghad tramite l-korrispondenza legali li rega’ kellu kuntatt mal-iskola.

Jikkonferma li minkejja li kien konxju tar-regolament numru 7.1 ma kienx adottat peress li kien ma seta jipprevedi x’kien ser jigri f’perjodu ta’ xahrejn u t-tieni nett kien qieghed f’kuntratt dirett mal-‘Head’ Ms. Anne Tabone u kellu konferma diretta mill-ghalliema li kien hemm problemi bejnha u l-minuri u li din kienet ammettiet li xi kultant setghet kienet aggressiva, izda kellha bzonn tkun hekk sabiex izzomm id-dixxiplina.

Ra x-xhieda ta’ Jennifer Lonfat li tikkonferma dak kollu li spjega r-ragel taghha. Tghid ukoll li minn meta t-tifel beda jattendi l-iskola f’Settembru, 2004 ma kienx baqa’ l-istess persuna. Kien sar bezziegh u attakkat maghha, meta di natura huwa cajtier u fuq tieghu. Ma kienx baqa’ jiekol u kien qisu dejjem ser ihossu hazin. Imbaghad irrizulta li kien hemm xi problemi mal-ghalliema tieghu Doreen Galea u fil-fatt meta kellhom laqgha maghha kkonfermaw li din kienet aggressiva ma’ binhom ghaliex kienet tatu daqqtejn fuq rasu.

Tikkonferma li hi kienet iffirmat ir-regolamenti u kienet tafhom, pero' l-fatti kif graw ma kienux jippermettulhom li jaghtu l-avviz f'perjodu ta' xahrejn u dan peress li t-tifel taghhom kienet qed jigi msawwat u ghalhekk kellhom jagixxu b'mod immedjat. Kienet emergenza ghalihom.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-Kullegg ta' St. Edwards qiedgha tfittex lill-konjugi Lonfat ghall-hlas ta' mizati ghal ewwel 'term' u dan skond klawsola numru 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg.

Il-kontestazzjoni f'dan il-kaz tikkonsisti f'li t-tifel tal-konvenuti Jerome ghal habta tal-ahhar ta' Settembru, 2004 kien beda jmur id-dar mill-iskola imdejjaq u l-genituri tieghu nnutaw li ma kienx qed ikun bhas-soltu, kien qisu ser ihossu hazin u kien jinstab imdejjaq hafna, tant hu hekk li wara li kellmuh indunaw li kien hemm xi problema mal-ghalliema tieghu Doreen Galea.

Il-konvenuti Lonfat jikkonfermaw dan l-abbuz ghaliex meta kellhom laqgha mal-ghalliema Galea u kienet indunat li kien hemm il-minuri Jerome presenti, kienet tatu daqqa go rasu u qaltlu sabiex jidhol fil-klassi.

Da parti tal-Kullegg, kemm il-Bursar, kif ukoll Ms. Anne Tabone jichdu dan l-incident u l-istess Tabone tghid li l-ispjegazzjoni li kien tah is-sur Lonfat kien li ried it-tifel jattendi skola tal-Gvern sabiex jitghallem il-Malti, fatt addiritura kkontestat mill-konvenuti.

Huwa difficli ghal dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi ezattament kif graw il-fatti, cioe', jekk huwiex minnu li kien hemm problema ta' vjolenza da parti tal-ghalliema Galea ghaliex il-Kullegg lanqas biss gabu provi sabiex jikkontestaw l-allegazzjoni tal-konvenuti.

It-Tribunal huwa soddisfatt li kien hemm xi problemi bejn il-minuri Jerome u l-iskola tieghu ghal xi raguni jew ohra,

partikolarment meta jitqies li kien beda it-'term' fil-Kullegg u kien wara xi gimghatejn li kien ilu jattendi l-iskola li jidher li kellu xi problemi. Wara kollox ma kienitx l-ewwel sena li Jerome kien qed jattendi l-Kullegg.

Minkejja li t-Tribunal jikkompatixxi lill-konvenuti u japprezza li bhala genituri agixxew fl-ahjar interess tal-minuri, jibqa' l-fatt li huma kienu ffirmaw kuntratt bejniethom u l-iskola u l-istess kuntratt huwa li hu, cioe' ftehim bejn l-iskola u l-genituri.

Il-konvenuti Lonfat it-tnejn ikkonfermaw li kienu konsapevoli tal-kontenut tar-regolamenti u ghalhekk li skond klawsola 7.2 jekk jinhareg tifel mill-Kullegg irid ikun hemm ta' l-anqas xahrejn 'notice' lil istess Kullegg.

Il-konvenuti isostnu li ma kienux f'posizzjoni li joneraw il-kuntratt u dan minhabba li l-affarijiet kif graw, tant ma kienux prevedibbli u evitabbli, li kellhom jagixxu malajr u dan fl-ahjar interess tal-minuri.

Fis-sentenza **Edward Rizzo noe vs Lt.Cl. E.Dawson noe (App. 15.5.1953)**l-Onorabbli Qorti kienet irriteniet illi "***Il-klawsoli stampati f'kuntratt ghandhom jigu moghtija l-forza li ghandhom il-kliem taghhom mill-aspett guridiku.'***

Ukoll fil-kawza **David Ellis noe vs Stephen Abela u Mary Rose Abela (TT 16.5.2007)** gie ritenut illi :-
*"…kuntratt bejn il-Kullegg u l-genituri, allura r-regolamenti tal-Kullegg ghandhom jitqiesu li ghandhom sahha tal-ligi ghall-partijiet imsemmija."*

Huwa minnu pero', li l-konvenuti eccepew ukoll il-principju ta' ekwita' kif enuncjata fl-Artikolu 7(1) tal-Kap.380. Per se' il-principju ta' ekwita' kien jiggustifika l-agir tal-konvenuti, izda dan biss jekk ma kienx hemm ftehim jew kuntratt, ghaliex il-kuntratt huwa bizzjjed car ta' x'riedu l-partijiet. Il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Ruma fil-kawza **Toletti vs Banca D'Italia ( 27 April, 1907)** fehmet illi:-

**“ nell’esistenza di patti nettamente stipulati e non contrari alle leggi viventi, non e’ lecito sostituire a cio’che vollero’ i contraenti il principio di equita; che, se in alcuni casi puo’ temporare il rigore del diritto, non puo’ sostituire l’arbitrio al diritto stesso.”**

Il-principju ta’ ekwita’ ma jistax jigi invokat mid-debitur li fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt isib ruhu f’cirkostanzi li jirrendulu aktar gravvuza dik l-ezekuzzjoni, meta l-pattijiet stipulati huma cari.

**Edward Rizzo noe vs Lt.Cl. E.Dawson noe (App. 15.5.1953)**

In vista ta’ dawn l-argumenti mill-gurisprudenza nostrana, huwa inevitabbli ghal dan it-Tribunal li jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li anke jekk kellhom raguni valida biex johorgu lit-tifel mill-iskola kienu marbutin li jagixxu b’mod differenti minn kif agixxew u almenu jifformalizzaw l-ilment taghhom bhala bazi ghad-decizjoni taghhom u mhux jibqghu ghaddejjin qisu ma kien jezisti ebda kuntratt u jirrejagixxu biss meta gew mitluba il-hlas.

Dan kollu ifisser li la darba jezisti kuntratt, wiehed ma jistax ikun differenti ghall-kontenut tieghu u jispicca biex ma jonerax il-kuntratt. Filwaqt li t-Tribunal ihoss u jirrispetta d-decizjoni tal-genituri tal-minuri Jerome, il fatto sta li kellhom ftehim li ftit jew wisq m’huwiex wiehed li jaghti spazju ghall-interpretazzjoni flessibli. Jekk ma tinghatax ‘notice’ almenu xahrejn qabel ma hemmx altenattiva hlief li l-mizata tibqa’ dovuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ seba’ mija u sebgha u erbghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€747.73) ekwivalenti ghal tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm321) bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------